

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12637/23

LIMITE

CORLX 845
CFSP/PESC 1205
RELEX 1004
COEST 496
FIN 895

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

1. Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.
2. Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217, li emendat id-Deċiżjoni 2014/512/PESK u introduċiet aktar miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217. Skont l-Artikolu 1(24) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew diversi minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għal deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

3. Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214, li emenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 u introduċa miżuri restrittivi ulterjuri biex jissospendi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew li huma diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214. Skont l-Artikolu 1(33) tar-Regolament (UE) 2023/1214, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew aktar minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.
4. Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 4g tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 u l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023.
5. Fil-11 ta' Settembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (12633/23) u proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplementa r-Regolament (UE) 2023/1214 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (12635/23).
6. Fl-14 ta' Settembru 2023, ir-RELEX qabel dwar it-testi tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u l-abbozz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u l-abbozz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill;
- jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 12634/23, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1214 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 12636/23.
